**Minuti tat-376 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, s-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-375 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Pace esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal fatt li ngħata bidu għax-xogħol ta' titjib u l-installazzjoni tal-*lift* fiċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Pisani tkellem dwar il-laqgħa li kellu mal-kapijiet tal-iskejjel primarji ta' Ħaż-Żabbar u qal illi l-Kap tal-Iskola Primarja A kien qed jaqbel mal-proposta tal-Kunsill li nies volontarji magħżula mill-Kunsill jgħinu tfal li għandhom bżonn attenzjoni speċjali fl-iskola. Is-Sur Pisani qal li l-Kap tal-Iskola Primarja B ma kienetx tal-istess opinjoni. Minn naħa l-oħra l-Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Margerita qabel mal-proposta tal-Kunsill u kien lest jagħti l-għajnuna kollha tiegħu.

Is-Sur Bonnici staqsa dwar l-istqarrija għall-istampa li l-Kunsill qabel li jagħmel dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li jeħtieġ isir mill-Gvern Ċentrali fi Triq tal-Labour u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal li waqt laqgħat li kellu ma' uffiċjali li huma responsabbli mill-proġett Smart City talab li jsir pjan biex isir *resurfacing* fi Triq il-Mina ta' Hompesch, Triq tal-Labour u Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jagħti ftit ta' żmien qabel issir l-istqarrija.

Is-Sur Bonnici staqsa lis-Sindku x'kien ġie diskuss waqt il-laqgħa li kellu mal-Awtorita' tad-Djar dwar programmi finanzjati mill-Gvern Ċentrali biex titjib il-kwalita' ta' ħajja għar-residenti tal-Qasam tad-Djar. Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat dwar fondi li ser ikunu disponibbli biex jgħinu fi twettiq ta' proġetti, possibilment permezz ta' inizjattivi li

jinvolvu t-tfal li joqgħodu fil-Qasam tad-Djar. Il-Kunsill qabel li tinġieb aktar informazzjoni dwar dan il-programm.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li l-attivita' mużikali li kienet ser tiġi organizzata fil-Ġermanja, fi Franza u fil-Portugal kienet tħassret u dan peress li l-Kunsill ta' Montgeron u l-Kunsill ta' Povoa ta' Varzim għazlu li ma jipparteċipawx.

Is-Sur Bonnici qal li fi ġranet li ġejjin kien ser jinħareġ avviz sabiex artisti (pitturi) residenti Ħaż-Żabbar, jesprimu l-interess tagħhom biex jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom f'esebizzjoni li ser issir f'Mejju li ġej f'Eschborn, il-Ġermanja matul Eschenfest. Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li minħabba raġunijiet personali mhux ser ikun preżenti f'Eschborn matul din l-esebizzjoni.

Is-Sindku ppropona li għandha ssir laqgħa mal-Ispettur tal-lokal biex jerġgħu jiġu mressqa lmenti li l-Kunsill għadu qed jirċievi mir-residenti Żabbarin. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-laqgħa.

Is-Sur Grech qal li flimkien mal-Viċi-Sindku u s-Sinjura Calleja kienu ltaqgħu ma' rapprezentanta tal-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida. Il-Fondazzjoni ppropeniet li l-Kunsill jibda jirreferi lilhom kazi ta' familji li jkollhom bżonn l-għajnuna. Il-Kunsill issuġġerixxa li jkun hemm diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-Kappillan dwar dan is-suġġett.

Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitat għall-Familja. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

B'referenza għall-minuti ta' dan is-Sotto Kumitat is-Sur Pisani rrefera għal proposta li saret biex jiġu avviċinati għalliema li lesti jagħtu s-servizz volontarju tagħhom biex jgħinu lill-istudenti li għandhom bżonn attenzjoni speċjali fl-iskola. Is-Sur Pisani irrimarka li kif ġie spjegat fil-laqgħa preċendenti tal-Kunsill kien diġa qed jaħdem u sab għalliema biex jgħinu lil dawn l-istudenti.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar premju 'Ġieħ l-Artiġjanat Malti'.

Inqrat Memo 126/2010 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar attivitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi qed jiġu mistiedna biex bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2010, jorganizzaw attivitajiet u jieħdu inizjattivi biex jinġabru fondi b'risq il-*Malta Community Chest Fund* bl-involviment tar-residenti tagħhom. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi provdut it-trasport għall-parteċipanti Żabbarin li se jieħdu sehem fil-*fun run.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Laqgħa Plenarja li ser issir nhar is-Sibt, 20 ta’ Novembru, 2010.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-*Transport Malta* dwar talba li għamel resident biex issir *speed camera* fi Triq il-Latmija. Il-Kunsill ġie nfurmat li kull talba dwar *speed cameras* kienet qed tinżamm temporanjament minħabba li kien hemm bdil fil-*policy*.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar permess għat-tqegħid ta’ *scaffolding* li nħareġ għal xogħol mar-residenza ta’ Dr Cassar Delia. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li m’għandu jintalab l-ebda ħlas meta s*caffolding* ikun imtella’ b’tali mod li ma jikkaġuna l-ebda ingombru fuq il-bankina.

Is-Sindku qal li l-ilment ta’ Dr Cassar Delia ma sarx mal-Kunsill iżda mad-Dipartiment u dan sar aktar minn xahar wara li sar ix-xogħol. Il-kuntrattur imqabbad minn Dr Cassar Delia mar japplika fl-uffiċju tal-Kunsill biex jagħmel permess għat-tqegħid ta’ *scaffolding* u fl-ebda stadju ma nforma lill-Kunsill li mhux ser isir ingombru fuq il-bankina. Minbarra dan, il-Kunsill jinsab infurmat li sieq tal-i*scaffolding* tpoġġiet f’nofs il-bankina u sieq oħra tal-istruttura tpoġġiet fit-triq.

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li m'għandux jingħata ħlas lura lil Dr Cassar Delia għal permess li sar għat-tqegħid ta' *scaffolding* fi Triq is-Santwarju u dan peress li minbarra r-raġunijiet li diġa ssemmew il-Kunsill ma jistax jikkonferma jekk il-bankina ġietx ingombrata jew le wara li tlesta x-xogħol.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-iskola Sant Anġela li talbet lill-Kunsill jipprovdi *reserved parking* quddiem l-iskola fi Triq il-Kbira għaż-żewġ vannijiet tal-iskola li jwasslu u jiġbru t-tfal mill-iskola. Il-Viċi-Sindku ppropona li din it-talba tiġi milqugħa u li l-Kunsill jressaq din it-talba lill-Transport Malta. Is-Sinjura Calleja ssekondat l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba biex il-Kunsill jimpjega Assistent Prinċipali Uffiċjali fuq bazi *full-time* ġiet milqugħa. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proċess tal-ingaġġ irid isir skont ir-regolamenti imniżżla fl-Avviż Legali 127 tal-1998 - Regolamenti Dwar Kunsill Lokali (Riżorsi Umani).

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord ta’ l-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Pisani u mis-Segretarju Eżekuttiv biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għazla u biex iressaq ir-rakomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

Fit-8.15 ta’ filgħaxija s-Sur Catania u s-Sur Buhagiar talbu li jkunu skużati.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija G M Productions fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi s-Sinjorina Cynthia Dimech kienet ser tirrappreżenta lil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar fil-kompetizzjoni Miss Malta li ser issir nhar is-Sibt, 13 ta' Novembru, 2010. Fuq proposta tas-Sindku s-Sur Agius li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku s-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħti *recognition award* lir-rappreżentanta Żabbarija liema spiża tammonta għal €66.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn residenta ta' Triq iċ-Ċimiterju sabiex tiġi rranġata din it-triq.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Settembru, 2010 u l-20 ta' Ottubru, 2010 li kien jammonta għal €42,739.46. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mil-Viċi-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Settembru, 2010 li kien jammonta għal €88.29. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Lulju 2010 – Settembru 2010, kif ukoll il-*Financial Indicator* għall-istess perjodu. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet ssekondata mis-Sinjura Calleja il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju.

- <u>Riżoluzzjoni Speċjali</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill riżoluzzjoni speċjali proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi-Sindku dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill illi ttieħdet nhar il-Ħamis, 23 ta' Settembru, 2010 dwar l-offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skar goff f'Ħaż-Żabbar (ZLC 7/2010). Permezz ta' din ir-riżoluzzjoni speċjali qed jiġi propost lid-deċiżjoni tal-Kunsill biex il-kuntratt ta' xogħol jingħata lis-Sinjuri Ronald u Christopher Bezzina tiġi rrevokata u minflok terġa tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Dan peress li ġie nnutat li kien hemm żball fl-ewwel paġna tad-dokument tal-offerti li seta' b'xi mod zgwida lill-offerenti. Peress li dan kien żball ta' tipografija ġie ssuġġeriet li l-kuntratturi li tefgħu l-offerta tagħhom għandhom jingħataw id-dokument tal-offerti l-ġdid mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel unanimament ma din ir-riżoluzzjoni speċjali

<u>Mozzjoni dwar problema kawża tal-ilma tax-xita fi Triq id-Dliela</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sur Pisani u ssekondata mis-Sur Bonnici, biex jintbgħat Perit biex jara s-sitwazzjoni fi Triq id-Dliela

minħabba li qiegħed jinħoloq inkonvenjent kbir b'riżultat tal-ammont kbir ta' ilma xita li jinġabar f'din l-istess triq, fejn saħansitra wħud mir-residenti qiegħed jidħlilhom ammont kbir ta' ilma fil-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Is-Sindku ppropona ukoll li l-Kunsill iressaq dan l-ilment lill-Transport Malta bil-għan li tinstab soluzzjoni għal din il-problema. Is-Sindku qal li f'din it-triq kien sar kanal għall-ilma tax-xita mid-Dipartiment tat-Toroq iżda l-problema baqgħet ma ssolvietx kompletament. Is-Sur Pisani issekonda din il-proposta u l-Kunsill qabel unanimament li dan l-ilment jitressaq lill-Transport Malta

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi erba' offerti għall-servizz ta' *Works Manager/Project Co-ordinator* (ZLC 9/2010). L-offerti mitfugħa kienu mingħand il-Perit William Lewis bir-rati ta' 0.9% u 0.9%, l-offerta tal-Perit Edric Micallef bir-rati ta' 1.30% u 1.6%, l-offerta tal-Perit George Buhagiar bir-rati ta' 0.64% u 1.24% u l-offerta tal-Perit Charles Buhagiar bir-rati ta' 2% u 2%.

Id-dokumenti ta' kull offerent kienu mimlija u ffirmati. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta mingħand il-Perit William Lewis li kienet l-aktar offerta vantaggjuża.

Fit-8.30 ta' filgħaxija is-Sinjura Calleja talbet li tkun skużata.

Inqraw il-minuti tar-raba' laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill li f'għeluq il-35 sena mill-waqa` tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar ser jiġi organizzat *march pass* mill-iscouts tal-lokal, nhar il-Ħadd, 25 ta' Novembru, 2010. Il-Viċi-Sindku ppropona li kull membru tal-iscouts jingħata kopja tal-ktejjeb 'Vulcan' li kien ġie ppublikat fis-sena 2000 mill-Kunsill Ċiviku u li l-Kunsill kien xtara numru ta' kopji minnu. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta li għandha tgħin biex jikber l-għarfien tal-istorja tal-lokalita` fost iċ-ċittadini Żabbarin.

Is-Sur Pisani qal li kien irċieva lmenti minn residenti dwar l-istat tal-latrini pubbliċi speċjalment dawk tan-nisa li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku ppropona li tintbgħat *default notice* lill-S C Engineering Ltd. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jintbgħat *default notice* u li l-kuntrattur jintalab inaddaf il-latrini kif stipulat fil-kuntratt.

Is-Sur Buttigieg talab li ssir *hoad hump* bil-bidu ta' Sqaq San Mikiel peress li meta tagħmel ix-xita dan lis-sqaq qed jegħreq bl-ilma b'inkonvenjent għar-residenti.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt xogħol li sar fi Triq Villabate kienet tneħħiet tabella ta' *one way* mis-*service road* li hemm mal-ġenb tat-triq u ma reġgħitx twaħħlet. Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill jressaq dan l-ilment lill-Trasport Malta.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġu rranġati Triq il-Karmnu kif ukoll Triq Ħas-Sajjied ma' Triq Wied il-Għajn peress li fihom kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita.

Is-Sur Bonnici semma l-ilmenti li kienu qed isiru tar-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-funderija Hompesch Steel fosthom il-ħsejjes kbar u l-kwalita` ta' oġġetti li qed jiddaħlu fil-funderija u ppropona li l-Kunsill jikteb lill-MEPA dwar l-inkonvenjenzi kbar li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant. Is-Sur Grech issekonda lis-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li ssir pressjoni biex l-ilmenti tar-residenti jiġu ndirizzati.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill illi l-laqgħa annwali bejn il-Kunsill ta' Eschborn, il-Kunsill ta' Povoa de Varzim, l-Kunsill ta' Montgeron u l-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar kienet ser issir f'Malta f'Novembru li ġej. Is-Sur Bonnici qal ukoll li l-Kunsll irid iħejji programm ta' attivitajiet għas-sena 2011 biex dan jitressaq matul din il-laqgħa annwali li ser issir.

Is-Sur Bonnici qal li kien talab lill-kumpanija Greenpak tipprovdi *dog litter bins* biex jitwaħħlu f'toroq partikulari f'Ħaż-Żabbar fejn qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb.

Is-Sur Bonnici talab li jiġu rranġati t-tabelli tat-traffiku li hemm quddiem is-sala tal-Kappillan. Is-Sur Bonnici talab li t-tabella ta' *loading/unloading* issir bil-ħinijiet.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jitwaħħal *litter bin* ħdejn iz-zebra crossing li hemm maġenb *confectionery* fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li jitpoġġa bank tal-injam quddiem il-klabb tas-St.Patrick's fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Grech talab li tiġi rranġata l-bankina quddiem il-bust ta' A. Caligari fi Triq is-Santwarju ma' Triq il-Kbira u minflok isir madum *non slip*.

Is-Sur Grech talab li jsiru stop signs fi Triq Sant Antnin ma' Triq San Ġuzepp. Is-Sur Grech talab ukoll li l-Kunsill iġib l-approvazzjoni tat-Trasport Malta biex issir *central strip* baxxa fi Triq il-Ġilbiena ma' Triq Santa Duminka.

Il-laqgħa spiċċat fit-9.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-377 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Novembru, 2010.

Domenic Agius
Sindku